**Laqgha Numru 02/K5/2008**

**Introduzzjoni**

Minuti tatt-Tieni Laqgha tal-Hames Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2008 li saret nhar l-Erbgha 30 ta' Jannar 2008.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Ray Mizzi ***(li talab li jigi skuzat fis-6.20 pm)*** u l-Kunsillier Ray Pace ***(li wasal fil-5.40 pm)***, il-Kunsillier Alfred Mazzitelli u l-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat ***(li waslet fis-6.40 pm)*** flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie pubblikat fl-24 ta' Jannar 2008. L-Agenda kienet:

**01. Approvazzjoni tal-Minuti 01/K5/2008.**
**02. Punti li johorgu mill-Minuti 01/K5/2008.**
**03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**
**04. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**
**05. Mistoqsijiet.**
**06. Korrispondenza.**
**07. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**
**08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**
**09. Rapport Finanzjarju Ottubru – Dicembru 2007.**
**10. Nuqqas t'attendenza mill-Kunsilliera ghall-laqghat tal-Kunsill.**
**11. Approvazzjoni tal-kontijiet.**
**12. Materji Ohra.**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 01/K5/2008.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-minuti riferenza 01/K5/2008 kif ipprezentati.

1.02. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 01/K5/2008.

46/5804/07/I 23/11/2007 Ittra minghand Wise Owl fejn baghtu voucher ta' Lm50 li jista' jintuza jekk jinxtraw kotba f'dan iz-zmien ta' festi li jiswew il-fuq minn Lm100.

2.01. B'riferenza ghall-Minuti 01/K5/2007 item 6.18 u ghall-korrispondenza numru **46/5804/07/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li jsir komunikat mal-kumpanija Wise Owl halli jekk l-offerta ghadha valida l-Kunsill jixtri ammont ta' kotba sabiex jitpoggew fil-librerija tal-Kunsill, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li fl-ahhar jiem kien hemm zviluppi li jista' jaghti l-kaz li ma jkunx hemm dan il-bzonn. Il-kelliem informa lill-Kunsill li skond is-Sur Philip Borg – Direttur tad-Dipartiment tal-Libreriji Pubblici, id-Dipartiment ser iforni lill-Kunsill numru kbir ta' kotba apparti l-fatt li hwienet u kittieba normalment jaghmlu donazzjonijiet ta' kotba. Il-kelliem informa lill-Kunsill ukoll li fl-opinjoni tieghu ma jarax li ghalhekk ghandha ssir din in-nefqa, jekk mhux wara li jkunu waslu l-kotba kollha tad-Dipartiment.

46/5980/07/I 05/12/2007 Ittra minghand il-Korporazzjoni Enemalta fejn b'riferenza ghall-ittra tal-Kunsill rigward uzu mill-arbli tad-dawl informaw lill-Kunsill li l-korporazzjoni hija disposta li taghti permess lill-Kunsilli biex jitwahhlu lampi godda ma' l-arbli tad-dawl, pero' madanakollu l-Kunsill irid jikteb bil-miktub biex tinkiseb l-approvazzjoni necessarja u wara tintbaghat il-formola A biex l-Enemalta tkun tista' tqabbadhom mas-sistema ta' l-elettriku.

2.02. B'riferenza ghall-Minuti 01/K5/2007 item 6.56 u ghall-korrispondenza numru **46/5980/07/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera kif ukoll kien qal li fil-jiem li gejjien kellha ssir spezzjoni sabiex jigi dentifikat fejn jistghu jitwahhlu lampi m'arbli u dan wara li ssir applikazzjoni ma' l-istess Korporazzjoni u l-Kunsill ikun ircieva l-approvazzjoni minghand l-istess Korporazzjoni, is-Sindku Joe Zammit qal li nhar il-Gimgha 18 ta' Jannar, flimkien mal-Kunsillier Alfred Mazzitelli u Daniel (is-supervisor tax-xoghol tal-kuntrattur) zaru diversi postijiet f'Pembroke biex jara d-dawl. Il-kelliem qal li fil-fatt bdew il-blokki ta' hdejn il-Junior Lyceum tal-bniet fejn hemm tlett lampi mal-blokk ta' l-edukazzjoni itepptu, hemm zewg lampi ta' zmien l-inglizi fil-kantuniera li qed jaqtghu d-dawl xi kultant u dawn iridu jinbidlu. Il-kelliem qal li hemm ukoll l-istess ma' St. Andrew's House fejn hemm zewg lampi ta' zmien l-inglizi. Il-kelliem qal li fil-jiem li gejjien ser izuru postijiet ohra halli naraw x'hemm bzonn. Finalment il-kelliem ippropona li dawn it-tiswijiet ghandhom isiru.

2.03. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

2.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.05. ***Fil-5.40 pm il-Kunsillier Ray Pace skuza ruhu talli wasal tard.***

46/6127/07/I 11/12/2007 Dokument tal-Ftehim iffrimat bejn is-Sindku Joe Zammit, s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg u Dr. Godwin Cassar f'isem il-MEPA rigward il-UIF Funds.

2.06. B'riferenza ghall-Minuti 01/K5/2007 item 6.90 u ghall-korrispondenza numru **46/6127/07/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li ghandu jibda l-process mal-Perit tal-Kunsill skond ir-rapport tieghu stess ghal xoghol fil-Gnien Madre Teresa ta' Kalkutta kif ukoll kien ghamel riferenza ghall-laqgha li saret mas-Sur Chircop mill-Ministeru ta' Ninu Zammit, fejn dan inghata kopja tat-talba li l-Kunsill kien ghamel biex isir xoghol ta' hadid mid-dipartiment bi prezz specjali u dan halli l-

Kunsill jara jekk dan ghadx jista' jsir, il-kelliem qal li l-Kunsill ghadu qed jistenna minghand id-dipartiment jekk il-prezz baqax l-istess.

46/0049/08/I 04/01/2008 Kwotazzjoni minghand Azzopardi Aluminium & Metal Works ghal railing tal-hadid f'San Patrizju ghall-prezz ta' €2697.42 inkluz il-VAT.

46/0332/08/I 18/01/2008 Kwotazzjoni minghand is-Sur Manuel Casha ghal hand rail fil-Gnien ta' San Patrizju ghall-prezz ta' €2074/Lm890 inkluz il-VAT.

46/0454/08/I 25/01/2008 Kwotazzjoni minghand is-Sur Paul Farrugia ghal hand rail tal-hadid fil-Gnien ta' San Patrizju ghall-prezz ta' €2,911.72 (Lm1,250).

2.07. B'riferenza ghall-Minuti 01/K5/2007 item 6.171 u ghall-korrispondenza numru **46/0049/08/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li decizjoni ghandha tittiehed wara li jingabru aktar kwotazzjonijiet u jekk huwa possibbli jigu avvicinati kumpaniji ohra li huma fuq il-Yellow Pages, il-kelliem qal li fil-fatt issa l-Kunsill ghandu tlett kwotazzjonijiet riferenza **46/0049/08/I, 46/0332/08/I u 46/0454/08/I.**

2.08. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jaghzel l-irhas offerta jigifieri dik tas-Sur Manuel Casha.

2.09. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

2.10. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/0096/08/I 08/01/2008 46/0035/08/I 03/01/2008 E-mail minghand id-Dipartiment tal-Bini u Tiswija ta' Djar fejn b'riferenza ghall-ittra taghna rigward tnehhija ta' materjal mill-bini l-gdid tal-gvern quddiem il-klabb ta' Pembroke Athleta baghat kopja ta' l-e-mail li baghat lill-Perit Robert Grech sabiex jinforma l-kuntrattur biex inehhi l-materjal immedjatament u talbu sabiex jinfurmah meta jitnehha l-materjal.

2.11. B'riferenza ghall-Minuti 01/K5/2007 item 6.177 u ghall-korrispondenza numri **46/0096/08/I u 46/0035/08/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li jigu nfurmati kemm il-MEPA kif ukoll il-Green Wardens sabiex jittiehdu l-passi legali necessarji, il-kelliem qal li waqt zjara li ghamel fuq il-post flimkien mal-Kunsillier Alfred Mazzitelli jirrizulta li dan il-materjal tnehha u baqa' biss ftit knaten.

46/0113/08/I 09/01/2008 Site plan minghand il-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma ghal new service minn Triq il-Fortizza ghal Triq Luigi Billion.

2.12. B'riferenza ghall-Minuti 01/K5/2007 item 6.187 u ghall-korrispondenza numru **46/0113/08/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni sakemm ix-xoghol isir kif suppost. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li din l-applikazzjoni kienet ghadha ma saritx minnaha tal-WSC.

2.13. B'riferenza ghall-Minuti 01/K5/2007 item 10.19 fejn il-Kunsillier Alfred Mazzitelli kien ppropona li l-attivita' ghal zmien il-Milied ghall-Kunsilliera u l-istaff ghandha ssir nhar il-Gimgha 25 ta' Jannar 2008 fit-8:30 pm ghand Ta' Soldi Restaurant, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li minhabba diversi fatturi din l-attivita' kienet giet ikkancellata.

## 03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

3.01 Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta **Internal Memo 02/2008** b'lista ta' laqghat li saru bejn 10/01/2008 u 30/01/2008 **( Ara dokument A ), Internal Memo 03/2008** b'rapport t'azzjonijiet mehuda bejn laqgha numru 01/K5/2008 u laqgha 02/K5/2008 **( Ara dokument B ).**

## 04. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

4.01. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li nhar il-Hamis 17 ta' Jannar 2007 huwa u l-Kunsillier Alfred Mazzitelli kellhom laqgha mas-Sur Diego Luraschi. Il-kelliem qal li din il-laqgha kienet riferenza ghat-talba li saret xhur ilu biex ma' lokal vicin Ticino li jismu Magliaso, riferenza korrispondenza 46/0469/08/I, jistabbilixxi relazzjoni mal-Kunsill ta' Pembroke. Is-Sindku Joe Zammit qal li flimkien mal-Kunsillier Mazzitelli infurmaw lis-Sur Luraschi li fil-principju l-Kunsill ta' Pembroke lest ghal kull proposta ta' relazzjoni, imma minhabba li dalwaqt ikun hawn elezzjoni ta' Kunsill gdid, kull decizjoni ghal konkluzjoni ta' relazzjoni ufficjali ma' Pembroke, ghandha tittiehed mill-Kunsill gdid li jinhatar f'April.

4.02. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li nhar it-Tlieta 22 ta' Jannar 2007 huwa u l-Kunsillier Alfred Mazzitelli kellhom laqgha ma' St. Michael Scout Group. Il-kelliem qal li l-iscouts ta' St. Michael ser jorgannizzaw gurnata ta' parata gewwa Pembroke fit-8 ta' Marzu 2008 fejn ser jistiednu diversi persuni distinti, fosthom lill-Kunsill. Il-kelliem qal li f'din il-gurnata ser ikun hawn f'Pembroke diversi baned ta' scouts ohra u fil-fatt se jkun hemm tlett postijiet ta' bidu, fit-tarf ta' Triq Gabriel Henin, minn hdejn il-pjazza ta' San Gorg Preca u minn hdejn is-St. Catherine's School, li jispiccaw ghal quddiem il-Knisja fejn issir quddiesa. Il-kelliem qal li wara, il-parata tmur lura minn hdejn il-Kunsill u jinghata s-salut lis-Sindku u l-Kunsilliera fejn wara ssir ic-cerimonja ta' l-inawgurazzjoni tal-post gdid taghhom. Il-kelliem qal li huma jixtiequ l-permess tal-Kunsill ghal din l-attivita'. Fid-dawl ta' dan is-Sindku Joe Zammit ippropona li jinghata dan il-permess kif ukoll li minhabba li din hija attivita' taz-zghazagh u kultura u peress li hemm mal-25 tifel minn Pembroke ppropona wkoll li jinghataw donazzjoni ta' € 116.47 / Lm 50.00. Il-kelliem informa lill-Kunsill ukoll li jekk tissejjah l-elezzjoni tal-Kunsill jew dik Generali, din l-attivita' ssir f'data ohra.

4.03. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

4.04. Il-Vici Sindku Ray Mizzi rrimarka li huwa ma jistax jaccetta l-fatt li St. Michael's ma jaccettawx tfal mill-lokal jew ma jkunux studenti ta' St. Michael School u dan fid-dawl ukoll li l-Pembroke / St. Andrews Scouts ma jaccettawx bniet maghhom minhabba nuqqas ta' spazju. Il-kelliem qal li l-bniet tal-lokal hafna minnhom huma membri fl-iscouts ta' San Gwann.

4.05. Il-Kunsillier Ray Pace rrimarka li Pembroke / St. Andrew's Scouts m'ghandhomx bizzejjed spazju u huwa ghalhekk li m'ghandhomx sezzjoni tal-bniet. Il-kelliem qal li l-art u l-propjeta' li hadu St. Michael's, ma' haduwiex l-iscouts izda St. Michael School minhabba l-fatt li St. Michael's Scouts huma closed group u ghalhekk ma jistghux jaccettaw tfal li ma jkunux jattendu St. Michael School.

4.06. Il-Vici Sindku Ray Mizzi rega' rrimarka li meta jkun hemm xi attivita' tal-Kunsill, il-Kunsill ghandu jikkunsidra li jistieden Scout Groups li ghandhom tfal mill-lokal bhal dawk ta' San Gwann. Liema tfal m'ghandhomx alternattiva ohra fil-lokal.

4.07. Il-mozzjoni tas-Sindku Joe Zammit u ssekondat mill-Kunsillier Alfred Mazzitelli giet approvata unanimament.

4.08. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li flimkien mal-Kunsillier Alfred Mazzitelli nhar it-Tnejn 14 ta' Jannar 2007 attendew ghall-laqgha li saret ma' l-MTA fil-bini tal-Ministeru ghat-Turizmu, Valletta. Il-kelliem qal li ghal din il-laqgha kienu prezenti s-Sur Mario Attard – Project Leader ghall-Fondi ta' l-EU ghall-MTA, il-Perit Kevin Fsadni koordinatur tal-Progetti ta' l-EU ghall-MTA, il-Perit John Ebejer

konsulent ta' l-MTA, il-Perit Kevin Bencini mqabbad mill-MTA fuq il-progett tal-gnien u l-heritage trail ta' Pembroke, is-Sur Mario Farrugia ghall-Fondazzjoni Wirt Artna u s-Sur Vince Attard ghal Nature Trust. Il-kelliem qal li d-diskussjoni kollha kienet dwar il-progett propost mill-MTA sabiex jinbena gnien bejn il-lukandi SAS Radisson Bay Point, il-Corinthia San Gorg Resort u Sit A u B f'Pembroke, it-tieni fazi tal-progett li l-gnien jigi estiz ghas-sit tal-Pembroke Athleta Sports Club u eventwalment ghall-progett ta' upgrading ta' passagg li minn biswit dan l-imsemmi gnien iwassal sat-Torri tal-Madlien. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-MTA infurmaw lill-Kunsill li l-ewwel parti tal-progett tal-gnien qed issib intoppi mill-MEPA minhabba l-fatt li l-MEPA jidher li qed issostni li taht il-gnien ghandu jkun hemm underground parking kif kien stabbilit fin-North Harbour Local Plan ghalkemm minn studju li sar jidher li fis-sit ta' biswit il-gnien hemm bizzejjed spazju ghal dak mitlub mill-MEPA. Fuq mistoqsija tal-Kunsill dwar x'ser jigri kien hemm risposta fjakka fejn jista' jaghti l-kaz li jek ma tinstabx soluzzjoni dan il-progett jieqaf u eventwalment jista' jieqaf ukoll il-kumplament inkluz ukoll li ma jkunx jista' jigi mwettaq l-arrangament li sar bejn il-Ministeru ghat-Turizmu u l-Pembroke Athleta Sports Club. Il-kelliem informa lill-Kunsill ukoll li fil-progett tal-Heritage Walk, l-upgrading tal-Bajja u l-upgrading tat-Torri tal-Madlien ma gewx inkluzi sabiex ma jkunx hemm intoppi mal-MEPA ghalkemm ghaddejja diskussjonijiet ma' NGO's sabiex jinstabu fondi ghall-progett tat-Torri tal-Madlien. Waqt din id-diskussjoni l-Kunsill gie mitlub jara jekk jistax isir jaf min qed jokkupa t-torri sabiex jigi zgumbrat. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lil dawk li kienu prezenti li huwa kellu nformazzjoni kunfidenzjali li tista' twassl ghal min qed jokkupa s-sit u wieghed li ser jivverifika jekk dan jistax isir bil-kelma t-tajba. Il-kelliem informa lill-Kunsill li l-MTA talbet l-ghajnuna tal-Kunsill sabiex jissaportja l-applikazzjonijiet li hemm quddiem il-MEPA. Il-kelliem qal li huwa u l-Kunsillier Alfred Mazzitelli qajmu l-punt li jkun ghaqli li l-heritage trial tinkludi wkoll il-passagg li darba kien hemm ippjanat wara l-palm ta' triq il-Mediterran kif ukoll li jekk huwa possibbli jsiru tabelli nformattivi quddiem bini storiku fil-lokal fosthom l-arlogg, ic-cimiterju tal-Commonwealth, il-Fortizza u l-Batterija. Il-Perit Bencini qal li kien ser jirreferi kollox lill-MTA sabiex issir stima tat-talbiet. Saret riferenza wkoll ghas-santwarju tal-klieb li qed jokkupa post illegalment u kien hemm qbil li ladarba jkun hemm process fejn il-garigue jkun imhares, ikun aktar possibbli li jinhareg xi avviz legali sabiex dan ikun protett u ghalhekk kemm is-santwarju kif ukoll il-kaccaturi u n-nassaba jkunu jistghu jitnehhew minhabba li jkunu fuq siti protetti.

4.09. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li nhar it-Tlieta 15 ta' Jannar 2007 huwa u l-Kunsillier Alfred Mazzitelli kellhom laqgha mas-Sur Philip Borg – Direttur tal-Libreriji Pubblici fejn il-Kunsill gie nfurmat li hemm il-possibilita' kbira li t-talba tal-Kunsill tigi approvata u ghalhekk il-kotba kollha li kien hemm fl-Iskola Sir Luigi Preziosi jkunu jistghu jingiebu fil-librerija tal-Kunsill. Apparti minn dan is-Sur Philip Borg informa lill-Kunsill li kumpanija tal-kotba u kittieba, kemm il-darba jintalbu, normalment ikunu lesti li jaghtu donazzjoni ta' numru ta' kotba u ghalhekk bil-post allokat mill-Kunsill ghalissa ma jkunx hemm htiega li jinxtraw aktar kotba.

4.10. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li nhar il-Hamis 17 ta' Jannar 2007 saret laqgha fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill mas-Sur Paul Falzon – Direttur ta' Luxol Sports Club dwar il-progett tal-Park & Ride mill-Ex Parade Ground lejn San Giljan u vici versa. Il-kelliem qal li ghal din il-laqgha kienu prezenti s-Sindku Joe Zammit u l-Kunsillier Alfred Mazzitelli. Il-kelliem qal ukoll li waqt il-laqgha ssemmew numru ta' parkeggi li kienu mwieghda fil-passat lill-Luxol Sports Club

kemm minn Kunsill kif ukoll, skond is-Sur Paul Falzon, kuntratt li kellu ma' l-Awtorita' tad-Djar meta kien hemm il-hsieb li l-Ex Parade Ground jinbena. Wara diskussjoni twila kien hemm qbil li l-Kunsill jitlob lill-ADT sabiex jithallew 35 post riservat ghall-impjegati u l-vizitaturi tal-Luxol Sports Club u dan fid-dawl li dan il-klabb joffri s-servizz tieghu lil aktar minn 500 tifel u tifla.

## 05. Mistoqsijiet.

5.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 06. Korrispondenza.

6.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm il-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn il-11 u t-30 ta' Jannar 2008 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

46/0186/08/I 14/01/2008 — Ittra minghand il-Pembroke Athleta Football Nursery fejn qed tistaqsi jekk il-Kunsill ghandux l-intenzjoni li jorganizza l-Annual Football Tournament bil-kollaborazzjoni tal-Pembroke Athleta Football Nursery fid-19 ta' Marzu 2008.

6.02. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0186/08/I** il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jaghmel din l-attivita' bhal ma' sar fis-snin li ghaddew.

6.03. Il-Vici Sindku Ray Mizzi ssekonda.

6.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/0187/08/I 14/01/2008 — Ittra minghand it-Traffic Management Directorate l-Perit A. Testaferrata de Noto fejn b'riferenza ghall-ittra ta' 30 t'Ottubru 2007 rigward immanigjar ta' traffiku f'Sit C u D informaw lill-Kunsill li d-Direttorat ma sibx oggezzjoni ghall-iskema proposta mill-Kunsill basta li tkun implimentata ghall-perjodu ta' prova ghal 3 xhur u jsiru tabelli necessarji.

6.05. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0187/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu jordna dawn it-tabelli kif propost.

6.06. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/0188/08/I 14/01/2008 — LES Services Contract Agreement.

6.08. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0188/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li dan il-kuntratt kien unanimament approvat mill-Kumitat Kongunt wara diskussjonijiet li saru anke ma' l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali mmexxija mill-President Michael Cohen.

46/0191/08/I 14/01/2008 — E-mail minghand is-Sinjura Mary Molloy fejn informat lill-Kunsill li ghadhom kemm gew joqghodu Malta u qed tistaqsi jekk fil-vicinanza ta' Pembroke hawnx klabb ta' l-atletika u tal-basketball ghat-tfal taghha.

6.09. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lis-Sindku Joe Zammit li l-informazzjoni mitluba kienet diga nghatat.

46/0216/08/I 15/01/2008 Ittra minghand it-Traffic Management Directorate fejn baghtu kopja ta' l-ittra li rcievew mill-iskola Sir Luigi Preziosi u talbet il-kummenti tal-Kunsill fuqha.

6.10. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0216/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill kif kien iddecieda diga m'ghandux jaccetta din it-talba u din fid-dawl ukoll tal-laqgha li kienet saret mal-Perit A. Testaferrata De Noto fejn kien gie diskuss dan il-kaz ukoll.

6.11. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.12. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/0218/08/I 15/01/2008 Kwotazzjoni minghand il-Works Department ta' Lm1,242.34 / €2,8954.08 30% tal-kwotazzjoni globali li tammonta ghal Lm4,141.15 / €9,646.95 biex isir retaining wall u bankina fi Triq ANZAC fejn l-AFM.

6.13. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0218/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li rigward din l-istima kien ser jitlob laqgha mal-Brigadier ta' l-AFM.

46/0223/08/I 15/01/2008 E-mail minghand is-Sinjorina Romina Scerri mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn talbet ninfurmaw lis-Sur Joseph Bugeja haddiem ta' l-IPSL li minn nhar il-Hamis 17 ta' Jannar 2008 jibda jirraporta l-Kunsill Lokali Santa Venera.

6.14. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0223/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

46/0232/08/I 15/01/2008 E-mail minghand Piscopo Gardens fejn baghat risposta ghall-e-mail tal-Kunsill rigward it-tilqim tal-palm f'Pembroke.

6.15. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0232/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

46/0245/08/I 16/01/2008 Ittra minghand il-MEPA fejn b'riferenza ghal PA07177/03 rigward il-Luxol Football Ground – to erect a turfed football pitch with spectator stand & facilities informaw lill-Kunsill li nhargu pjanti godda ghall-applikazzjoni u l-Kunsill jista' jmur jarhom gewwa l-MEPA bejn id-9:00am u 12:00.

6.16. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0245/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

46/0252/08/I 16/01/2008 E-mail minghand is-Sur Louis Dimech li joqghod Blokk 4, Flt 9, Triq Sir Luigi Preziosi fejn qed jinforma lill-Kunsill li l-gate ta' barra hi perikoluza u ghandha bzonn manutenzjoni jew tinbidel u talab jigi ccekjat id-dawl tat-tarag tal-komun.

6.17. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0252/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaghmel uzu mis-servizz tas-Sur Mark Attard (xoghol ta' hadid) u ghalhekk il-Kunsill jirranga din il-gate u rigward id-dawl il-Kunsill ghandu jaghmel uzu mis-servizzi tas-Sur Mario Abdilla sabiex jispezzjona s-sit u jara x'hemm bzonn isir.

6.18. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.19. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/0305/08/I 17/01/2008 Ittra minghand Adventure Camping Shop fejn talbu l-permess tal-Kunsill sabiex bejn is-6 t'April u l-4 ta' Mejju 2008 jorganizzaw fiera tal-kampijiet fejn l-Ex Parade Ground.

6.20. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0305/08/I** il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni u ghalhekk jinghata l-permess bil-kundizzjonijiet bhal tas-sena li ghaddiet.

6.21. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.22. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/0311/08/I 17/01/2008 46/0193/08/I 14/01/2008 E-mail minghand l-IRMCC fejn baghtu lista tal-membri l-godda u b'riferenza ghall-Christmas Cup li kienu ser jorganizzaw f'Dicembru nformaw lill-Kunsill li thasret minhabba maltemp u ser issir aktar tard u talbu jekk hux possibbli li ssir laqgha mal-Kunsill.

6.23. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/0311/08/I u 46/0193/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaghmel laqgha ma' l-IRMCC kif mitlub.

6.24. Il-Vici Sindku Ray Mizzi ssekonda.

6.25. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/0316/08/I 17/01/2008 E-mail minghand l-Ambaxxata Ciniza fejn talbet aktar informazzjoni fuq il-lokal ta' Pembroke minhabba tahdidiet li saru bejn is-Sindku u l-Ambaxxatur rigward gemellagg ma xi postijiet fic-Cina.

6.26. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0316/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg kien diga baghat l-informazzjoni mitluba.

46/0328/08/O 17/01/2008 E-mail li baghtna lis-Sindku Joe Zammit fejn tlabna nformazzjoni u direzzjoni dwar diversi punti.

6.27. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0328/08/O** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg kien diga ha hsieb diversi punti mqajma.

46/0339/08/I 18/01/2008 E-mail minghand is-Sindku Joe Zammit fejn baghat twegiba ghall-e-mail mibghuta mis-Segretarju Ezekuttiv rigward diversi punti.

6.28. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0339/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

46/0342/08/I 18/01/2008 E-mail li baghtna lis-Sur Philip Borg mill-Librerija Pubblika fejn baghtna nformazzjoni rigward l-origini ta' l-isem St. Andrews.

6.29. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0342/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

46/0343/08/O 18/01/2008 E-mail mibghuta lill-Perit Kevin Fsadni fejn tlabna jaghmel komunikat mas-Sur Hector tal-Bitmac rigward it-tarmak li qed jinqala' fil-parking area tal-Kunsill.

6.30. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0343/08/O** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

46/0361/08/I 21/01/2008 Ittra minghand il-Bronk Productions fejn informaw lill-Kunsill li l-

Kumpanija Bronk flimkien ma' l-Istitut Kattoliku ser itellghu dramm tal-passjoni bl-isem 'Il-Libsa ta' Kristu'.

6.31. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0361/08/I** il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ppropona li jsir kuntatt ma' l-anzjani tal-lokal sabiex jekk ikun hemm konkorrenza, l-anzjani tal-lokal jittiehdu jaraw din l-interpretazzjoni. Il-kelliem qal li ser jikkuntattja lill-anzjani huwa stess.

6.32. Il-Kunsillier Ray Pace ssekonda.

6.33. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/0362/08/I 21/01/2008 — Ittra minghand Citta di Maddaloni fejn informaw lill-Kunsill li huma nteressati bil-possibilita' li jsir gemellagg maghhom.

6.34. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0362/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li kif diskuss fil-passat, fil-principju l-Kunsill Lokali ta' Pembroke huwa lest ghal kull proposta ta' relazzjoni, izda minhabba li dalwaqt ikun hawn elezzjoni ta' Kunsill gdid, kull decizjoni ghal konkluzjoni ta' relazzjoni ufficjali minn bliet barranin ma' Pembroke, ikun ghaqli li tittiehed mill-Kunsill gdid li jinhatar f'April.

46/0364/08/I 21/01/2008 — E-mail minghand is-Sur Louis Debattista fejn baghat kopja ta' l-e-mail li baghat lill-Perit Anton Camilleri rigward il-hsara li qed isofri fil-garaxx tieghu numru 26 f'Sit A.

6.35. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0364/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

46/0369/08/I 21/01/2008 — E-mail minghand St. James Cavalier Centre for Creativity fejn b'riferenza ghall-laqgha li kienet saret ricenti dwar Intercultural Dialogue baghtu kopja tad-dokument li kien gie diskuss u talbu l-kummenti tal-Kunsill jekk hux interessat li jikkontribwixxi fid-djalogu nterkulturali 2008.

6.36. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0369/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

46/0371/08/I 21/01/2008 — Mistoqsija parlamentari numru 26694 li l-Onor. Carmelo Abela staqsa lill-Onor. Ninu Zammit rigward il-bini ta' gibjuni taht l-art.

6.37. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0371/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

46/0372/08/I 21/01/2008 — E-mail minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn informaw lill-Kunsill li minn ghada 22 ta' Jannar 2008 is-Sur Joseph Bugeja haddiem ta' l-IPSL ser jirraporta l-Kunsill ta' San Giljan u s-Sur Mario Mercieca haddiem ta' l-IPSL gewwa San Giljan ghandu jirraporta mal-Kunsill ta' Pembroke.

6.38. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0372/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

46/0374/08/I 22/01/2008 — E-mail minghand il-Kumitat Kongunt ghall-Infurzar tal-Ligi fejn baghat informazzjoni dwar hlas ta' multi konvertiti ghall-Ewro.

6.39. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0374/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

46/0375/08/I 22/01/2008 Ittra minghand is-Sinjura Joey Lombardo fejn informat lill-Kunsill bil-kors fuq basic fire awareness li tixtieq torganizza mal-Kunsill.

6.40. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0375/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

46/0378/08/I 22/01/2008 E-mail minghand l-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali fejn qed iheggu l-Kunsill jattendu ghall-laqgha organizzata mill-NCPE rigward 'Talking Gender Equality to Local Communities' li ser issir fid-29 ta' Jannar 2008 gewwa l-Intercontinental Hotel San Giljan.

6.41. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0378/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

46/0380/08/I 22/01/2008 E-mail minghand is-Sinjura Angela Caspanello mill-Comune di Roccalumera fejn informat lill-Kunsill li nhar id-19 ta' Frar 2008 gejjien 5 dirigenti skolastici sabiex tkun tista' ssir laqgha ma' l-iskejjel ta' Pembroke, filwaqt li jixtiequ jigu vaganza ta' studju ghall-gimgha ghal 15/19 student prefebilment mid-9 ta' Marzu sas-16 ta' Marzu 2008 fejn jixtiequ jaghmlu l-istudju taghhom gewwa EC Malta pero' jixtiequ joqghodu f'lukanda fil-vicinanza ta' l-iskola u talbu jekk jistghux jircievu 15/19 il-indirizz ta' studenti mill-iskola taghna sabiex tintbaghat ittra ta' ntroduzzjoni u ritratt.

6.42. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0380/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li ssir laqgha mal-kap ta' l-iskola Primarja Bice Mizzi Vassallo u ma' tal-Junior Lyceum Sir Adrian Dingli rigward dan.

6.43. Il-Kunsillier Ray Pace ssekonda.

6.44. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/0384/08/I 22/01/2008 E-mail minghand Dr. Richard Sladden fejn baghat traduzzjoni ghall-ittra mibghuta minn Roccalumera.

6.45. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0384/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem irrakkomanda li meta jkun hemm xoghol ta' traduzzjoni li jista' jsir mill-impjegati tal-Kunsill m'ghandux ghalfejn jitqabbad Dr. Sladden.

6.46. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fakkar lis-Sindku Joe Zammit li meta kien isir dan minnu u mill-impjegati tal-Kunsill, kien huwa stess li talab li dan ma jitkompliex u li jintalab is-servizz ta' persuna kwalifikata.

46/0387/08/I 22/01/2008 Linji ta' gwida li gew diskussa fis-seminar informattiv li sar ghas-Sindki dwar zwigijiet mis-Sindki.

6.47. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0387/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li d-delega taz-zwieg ser tkun esklussiva ghas-Sindki u s-Sindku ser ikun marbut bil-ligi li jaghti d-delega lill-Vici Sindku biss jekk irid huwa. Il-kelliem qal li kull Kunsill Lokali ser ikun post fejn tista' issir ic-cerimonja taz-zwieg.

460392/08/I 23/01/2008 Mistoqsija parlamentari numru 29575 li l-Onor. Franco Galea staqsa lill-Onorevoli Jesmond Mugliett rigward il-crash barrier fi Triq Burma.

6.48. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0392/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem

talab lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg sabiex isib l-istima li kien talab il-Kunsill ghal dan ix-xoghol halli tintbaghat lid-dipartiment minhabba li l-Kunsill m'ghandux il-finanzi jew id-delega biex jaghmel dawn l-affarijiet. Il-kelliem qal li ma jistax ikun li kull Kunsill jiehu responsabilita' ta' kull ma jigri fil-lokal tieghu.

46/0417/08/I 23/01/2008 E-mail minghand is-Sur Alfred Fabri mill-Corinthia Group fejn talab is-sapport tal-Kunsill biex isir patching ta' triq li taghti ghall-lukandi Corinthia San Gorg u Radisson.

6.49. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0417/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li dan ix-xoghol ser ikun inkluz fil-patching li ser isir.

6.50. Il-Vici Sindku Ray Mizzi rrimarka li x-xoghol ta' patching ghandu jsir hafna ahjar milli qed isir minhabba l-fatt li skond huwa l-ahhar xoghol ta' patching li sar kellu gholi biss ta' pulzier u mhux erba' pulzieri kif suppost.

6.51. Is-Sindku Joe Zammit qal li x-xoghol li qed isir jirrifletti l-prezz li qed ihallas il-Kunsill.

46/0436/08/I 24/01/2008 E-mail minghand il-Malta Institute of Management fejn qed jistaqsu lill-Kunsill jekk hux interessat li studenti taljani jaghmlu work placement mal-Kunsill ghal tlett gimghat li jibdew mit-30 ta' Jannar 2008.

6.52. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0436/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li minhabba li l-Kunsill m'ghandux spazju aktar fid-dawl li tfajla mill-lokal ser tkun qed taghmel xoghol simili, mhux possibbli ghall-Kunsill li jilqa' din it-talba.

6.53. Il-Vici Sindku Ray Mizzi ssekonda.

6.54. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/0448/08/I 24/01/2008 E-mail minghand il-Phone Direct Ltd. fejn informaw lill-Kunsill joffru prezz specjali ghal tqassim bieb bieb ghall-prezz ta' €0.14 (.06mils).

6.55. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0448/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li dan ifisser nefqa ta' € 139.76 / Lm 60.00 jekk jitqassmu 1,000 flyer madwar Pembroke.

46/0450/08/I 24/01/2008 Kwotazzjoni minghand is-Sur Mark Abela ghal xoghol ta' hadid u welding ghar-rata ta' €11.50.

6.56. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0450/08/I** il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ippropona li l-Kunsill jaghmel uzu mis-servizz tas-Sur Mark Abela biex isiru l-imwejjed tal-vari, il-gate ta' St. Andrew's House u l-gate tal-blokk fejn joqghod is-Sur Louis Dimech.

6.57. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.58. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/0452/08/I 25/01/2008 Ittra minghand il-Pembroke Athleta Athletic Section fejn informaw lill-Kunsill li ser issir l-erbatax il-edizzjoni tal-maratona ta' giri fit-toroq ta' Pembroke u Swieqi nhar l-Hadd 6 t'April fit-8.30am u talbu l-koperazzjoni tal-Kunsill sabiex issir flimkien. Il-klabb qal li l-kontribuzzjoni tal-Kunsill jekk tigi accettata tkun ta' 349.50 Euros (Lm150) sabiex jinghataw trofew lill-atleti rebbieha u spejjez ohra u s-servizz ta' 5 gwardjani lokali.

6.59. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0452/08/I** il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill bhal m’ghamel fis-snin li ghaddew jorganizza din l-attivita’ flimkien mal-Pembroke Athleta Sezzjoni Atletika kif ukoll ippropona li l-Kunsill johrog l-ammont ta’ € 349.50 (Lm150) ghal din l-attivita’.

6.60. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.61. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/0453/08/I 25/01/2008 Kwotazzjoni minghand Demsey Aluminium Works ta' 376.57 Euros/Lm161.66 inkluz il-VAT ghal bieb ta' l-aluminium.

6.62. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0453/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

46/0457/08/I 25/01/2008 Ittra minghand id-Direttorat ghall-Immanigjar tat-Traffiku fejn b'riferenza ghall-ittra tal-Kunsill datata 15 ta’ Jannar 2008 rigward il-yellow lines quddiem il-hwienet Ray's Green Grocer u Granny's Bazaar infurmat lill-Kunsill li skond il-car parking policy kaxxa safra ma tistax tigi mplimentata quddiem garaxx izda trid ssir tabella ta' Garage in Use bhala prevenzjoni ghal kull ostaklu.

6.63. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0457/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li b’din l-ittra jfisser li sid il-postijiet, Granny’s Bazaar u Ray’s Green Grocer, ghalkemm ghandhom kaxxa safra, jista’ jsir parking minn haddiehor pero’ huma jaqbillhom jaghmlu sign ta’ “Garage in use – no parking” ukoll mal-pilastri. Il-kelliem ippropona li huma jigu nfurmati b’dan.

6.64. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.65. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/0458/08/I 25/01/2008 Ittra minghand l-Awtorita’ dwar it-Trasport ta’ Malta l-Perit Paul Buhagiar fejn informaw lill-Kunsill li l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta qed jircievu diversi lmenti rigward l-istat tat-toroq li jaqghu taht ir-responsabilita' tal-Kunsill Lokali sabiex isir ix-xoghol necessarju.

6.66. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0458/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li l-Kunsill ma jafx ghall-liema toroq qed issir riferenza u ghal dan il-ghan talab lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg sabiex jiccekja.

46/0485/08/I 28/01/2008 E-mail minghand il-Malta Tourism Authority fejn b’riferenza ghall-progett tal-Garigue f’Pembroke, infurmatna li qed ikun hemm diffikultajiet mill-MEPA sabiex jinghata l-permess necessarju u talbet l-ghajnuna tal-Kunsill sabiex taghmel xi rapprezentazzjonijiet quddiem il-MEPA favur dan il-progett.

6.67. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0485/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu jikteb lill-MEPA fejn il-Kunsill isostni l-appogg tieghu ghall-inizjattiva ta’ l-MTA flimkien mal-Kunsill u li l-parking li hemm hsieb ghalih huwa l-istess li kien hemm u li permezz tal-progett tal-Park and Ride li ser isir f’Pembroke m’hemmx il-htiega ghal aktar parkegg fl-inhawi.

6.68. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.69. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.70. ***Fis-6.20 pm il-Vici Sindku Ray Mizzi talab li jigi skuzat u halla l-kamra.***

46/0487/08/I
28/01/2008
E-mail minghand il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb fejn b'riferenza ghall-wirja li kien tkellem mas-Sindku baghat lista ta' temi li haseb li huma tajba ghall-wirja.

6.71. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0487/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li rigward il-wirja tal-kotba l-Kunsill ghandu jiddeciedi aktar il-quddiem.

46/0505/08/I
28/01/2008
E-mail minghand is-Sur Anton Zarb fejn informa l-Kunsill bil-cast iron cover li joffri.

6.72. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0505/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li dawn ghandhom jinxtraw meta jkun hemm il-htiega.

6.73. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.74. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/0506/08/I
28/01/2008
E-mail minghand il-Kunsillier Ray Pace fejn baghat kopja ta' l-istqarrija numru 0138 mid-DOI rigward il-hatra ta' Konslu ghal Wales li huwa s-Sur Brooke Boothby.

6.75. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0506/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li dwar dan huwa kien diga nforma lill-Kunsill fil-laqgha precedenti u dan skond laqgha li kellu ma' l-Ambaxxatur Dr. Michael Refalo f'Jum ir-Repubblika rigward il-hatra ta' Konslu Onorarju ghal Wales.

46/0536/08/I
30/01/2008
Ittra minghand l-iskrivana Natalie Busuttil fejn innotifikat lill-Kunsill li qed titlob in-notice minhabba li ma tistax tkompli bix-xoghol taghha ghax ser issir omm.

6.76. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0536/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni ghal din it-talba u dlonk ghandu jiskatta l-process sabiex tinstab persuna ohra.

6.77. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda u zied li din id-darba d-decizjoni tal-Kunsill m'ghandiex tigi revokata ikun x'ikun il-kaz.

6.78. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.79. Il-Kunsillier Ray Pace rrimarka li ma jafx jekk hemmx xi regolamenti ta' l-EU li jistipulaw li mpjegat ikollu xi dritt li jirtira n-notice tieghu.

6.80. Is-Sindku Joe Zammit talab lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg sabiex jivverifika mad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali dwar jekk il-Kunsill ikunx obbligat li jirtira n-notice kemm il-darba l-impjegat ikun ghamel talba ghal dan.

6.81. ***Fis-6.40 pm il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat skuzat ruhha talli waslet tard.***

## 07. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.

7.01. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li ma kellux x'izid.

## 08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.

8.01. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li fil-jiem li gejjien kien ser jibda jipprepara programm t'attivitajiet ghall-gimghat li gejjien.

## 09. Rapport Finanzjarju Ottubru – Dicembru 2007.

9.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borgipprezenta lill-Kunsill ir-rapport Finanzjarju ghall-perjodu Ottubru – Dicembru 2007. Il-kelliem qal li saru zewg rapporti wiehed bil-munita Lm u iehor bil-€. **( Ara dokument C u D )**

9.02. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tar-rapport finanzjarju Ottubru – Dicembru 2007 kif ipprezentat.

9.03. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

9.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10. Nuqqas t'attendenza mill-Kunsilliera ghall-laqghat tal-Kunsill.

10.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill rapport bl-attendenza tal-Kunsilliera bejn April 2007 u Jannar 2008. **( Ara dokument E )**

10.02. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li skond il-Ligi tal-Kunsilli Lokali Kap 363 artiklu 18, **( Ara dokument F )** il-Vici Sindku Ray Mizzi u l-Kunsilliera Ray Pace u Evelyn Vella Brincat naqsu milli jattendu ghal numru ta' laqghat tal-Kunsill minhabba li kienu skuzati jew assenti. Il-kelliem qal li fuq dan il-punt kien diga gibed l-attenzjoni tas-Sindku verbalment. Il-kelliem qal li skond il-ligi, il-Kunsill ghandu jirrakkomanda lill-Ministru responsabbli jekk l-assenza mill-laqghat tal-Kunsill mill-Vici Sindku Ray Mizzi u l-Kunsilliera Ray Pace u Evelyn Vella Brincat kienux gustifikati jew le u dan sabiex il-Ministru jkun jista' jiehu decizjoni finali jekk jiddikjarax il-postijiet bhala vakanti jew le.

10.03. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li dan ir-rapport ghandu jintbaghat lill-Ministru koncernat fejn jigi nfurmat li l-Kunsill qed jirrakomanda li minhabba li l-elezzjonijiet tal-Kunsill Lokali huma fil-qrib, il-postijiet ta' dawn il-membri tal-Kunsill m'ghandhomx jigu dikjarati vakanti.

10.04. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

10.05. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit u l-Kunsillier Alfred Mazzitelli vvutaw favur filwaqt li l-Kunsilliera Ray Pace u Evelyn Vella Brincat ivvutaw kontra.

10.06. Is-Sindku Joe Zammit ghamel uzu mill-casting vote u vvota favur biex il-mozzjoni giet approvata.

## 11. Approvazzjoni tal-kontijiet.

11.01. Is-Sindku Joe Zammit ressaq skeda ta' pagamenti ghad-diskussjoni. **(Ara dokument F, G u H)**

11.02. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha ghajr tal-WSC fejn ippropona li dan il-kont m'ghandux jigi mhallas ghal ragunijiet li diga ssemmew fil-laqghat precedenti.

11.03. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

11.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 12. Materji ohra.

12.01. Is-Sindku Joe Zammit qal li mill-fattura mibghuta minn Piscopo Gardens (Inc 46/0051/08/I) jirrizulta li fil-15 ta' Frar 2008 imiss li jsir it-trattament tal-palm. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill jixtri l-medicina u l-apparat li hemm bzonn sabiex dan it-trattament isir mill-kuntratturi rispettivi li ghandu l-Kunsill.

12.02. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

12.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.04. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghall-kummenti li kien qallu Dr. L. Busuttil dwar l-investigazzjoni tal-pulizija, fejn qal li jkun ghaqli li l-Kunsill jitlob lill-Avukat tal-Kunsill sabiex jikteb lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali ghal aktar informazzjoni.

12.05. B'riferenza ghall-ilmenti li qed jircievi l-Kunsill dwar problema fil-culvert li hemm fi Triq Medjez, is-Sindku Joe Zammit qal li kien ser jiccekja x'hemm f'din iz-zona ghax meta taghmel hafna xita tinstad u l-ilma jidhol fil-btiehi tan-nies.

12.06. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghad-decizjoni tal-Kunsill dwar l-uzu tal-mobile top up cards fejn qal li bil-bidla ta' l-Euro issa card li qabel kienet Lm 10.00 m'ghadiex tezisti izda hemm ta' € 20.00 li tfisser Lm 8.59 u ta' € 5.00 li tigi Lm 2.15. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-membri tal-Kunsill inkluz is-Segretarju Ezekuttiv ghandhom ikunu ntitolati sa massimu ta' € 25.00 fix-xahar. Il-kelliem ghamel riferenza wkoll ghall-policy tal-Kunsill dwar rimburzar tat-trasport fejn qal li l-ahhar li kienet giet emendata kien fil-15 ta' Novembru 2005 u li l-mizati kienu Lm 2.00 (€ 4.66), Lm 2.50 (€5.82) u Lm 3.00 (€6.99). Il-kelliem ippropona li fid-dawl taz-zidiet li kien hemm matul is-snin ir-rati issa ghandhom ikunu € 5.00, € 6.00 u €7.50.

12.07. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

12.08. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.09. Karozzi fuq il-haxix fi Triq Tunis fejn il-picnic area (fejn Tony Borg).

12.10. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li dak li kien gie deciz xhur ilu sabiex issir kurduna u jigi nvellat materjal fi Triq Tunis sabiex vetturi ma jibqghux jipparkjaw fuq il-haxix ghandu jsir mill-kuntrattur tal-Kunsill.

12.11. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

12.12. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.13. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill johrog sejha ghall-kwotazzjonijiet minn ghalliema bil-warrant biex isir taghlim ta' suggetti Ingliz, Matematika u Studji Socjali fil-Kunsill lill-klassijiet tas-sitt sena bi thejjija ghall-Junior Lyceum.

12.14. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

12.15. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.16. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghad-diskussjoni li saret aktar kmieni fil-laqgha dwar il-progetti proposti mill-MTA fejn qal li ladarba l-pjanti gew sottomessi l-MEPA, dawn ghandhom jitqiesu bhala dokumenti pubblici.

12.17. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fakkar lis-Sindku Joe Zammit fil-kummenti li kien ghaddha qabel fejn l-MTA ma xtaqitx li dawn il-pjanti jigu esposti lir-residenti ghalissa minhabba li jekk ma jigix approvat il-progett mill-MEPA, ikun diga progudikaw il-pozizzjoni taghhom.

12.18. Is-Sindku Joe Zammit xorta wahda ppropona li dawn il-pjanti huma pubblici u ghalhekk il-Kunsill ghandu kull dritt jinkludihom fil-flyer li ser jitqassam fid-djar.

12.19. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

12.20. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.21. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ghamlet riferenza ghax-xoghol tac-caqlieq tal-Bus Shelter ta' Triq il-Mediterran fejn irrimarkat li mhux sewwa li l-kumpanija Faces qed tghaddi lill-Kunsill biz-zmien u talbet li l-Kunsill ghandu jsostni li dan ix-xoghol isir kemm jista' jkun malajr.

12.22. Is-Sindku Joe Zammit qal li ser terga' ssir pressjoni ma' din il-kumpanija sabiex ix-xoghol isir kemm jista' jkun malajr.

12.23. Il-laqgha ntemmet fis-7.30 pm wara li ntlahaq ftehim li l-laqgha li jmiss issir nhar l-Erbgha 13 ta' Frar 2008 fil-5.30 pm.

Joe Zammit
**Sindku**

Kevin Borg
**Segretarju Ezekuttiv**